## Werrej


| | |
|---|---|
| Agħlaq għajnejk | 2 |
| It-torri huwa aħmar | 4 |
| Il-kunserva hija ħamra | 5 |
| In-nagħniegħ huwa aħdar | 6 |
| Il-pala tal-bajtar hija ħadra | 7 |
| Ir-ramel huwa isfar | 8 |
| Il-ġebla Maltija hija safra | 9 |
| Il-pankrazju huwa abjad | 10 |
| Il-ġbejna hija bajda | 11 |
| In-nemlu huwa iswed | 12 |
| It-tuta hija sewda | 13 |
| It-tonn huwa griż | 14 |
| Il-ħamiema hija griża | 15 |
| Il-merill raġel huwa ikħal | 16 |
| Il-gallarija hija kaħla | 17 |
| Widnet il-baħar hija roża | 18 |
| Il-fjamingu huwa roża | 19 |
| Il-gremxula hija kannella | 20 |
| Il-larinġa hija oranġjo | 21 |
| Fis-sema kull kulur | 22 |
| Fuq l-art kull kulur | 23 |
| Fil-baħar kull kulur | 24 |

# Agħlaq għajnejk



Agħlaq għajnejk. Agħlaqhom sew sew sew.
X'qed tara? Iswed, mhux hekk? Issa iftaħhom.
Iftaħhom beraħ. Qed tara ħafna affarijiet b'ħafna kuluri.
Hux vera?



Kemm-il darba tieqaf u tħares x'kulur huma l-affarijiet ta' madwarek? Forsi mhux spiss. Nagħmlu mod ... il-kulur aħmar ... fejn tarah?

# It-torri huwa aħmar



Ġieli rajtu dak it-torri aħmar fuq l-għolja int u sejjer lejn il-bajja tal-Għadira? Fi nżul ix-xemx qisu jkun qed jaqbad bin-nar. Dan it-torri bnewh mijiet ta' snin ilu, għall-għassa kontra xi attakki mill-baħar.